Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 3**

**Data:** It-Tlieta, 22 ta' Marzu 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Online permezz ta' Zoom

**Preżenti online**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Membru
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużati:**
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**3.1 Aploġiji**

3.1.1 Il-President semma li minħabba impennji relatati mal-Elezzjoni Ġenerali ta' Sibt 26 ta' Marzu 2022, uħud mill-Membri ma setgħux jattendu minħabba ħidma li bħal issa jkunu għaddejjin biha. Għaldaqstant, semma li sabiex il-laqgħa setgħet issir kellha issir online sabiex wieħed jevita l-ħin sabiex jivjaġġa sal-Binja Amministrattiva tal-AKL u għaldaqstant setgħu jattendu aktra Membri.

3.1.2 Il-President ippropona li s-Sur Stephen Sultan, is-Sur Max Zammit, is-Sur Steven Axisa u s-Sur Charles Bonella jkunu skużati.

3.1.3 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva li l-Membri imsemmija jkunu skużati.

3.1.4 Il-President irringrazzja lil dawk li attendew u sabu l-ħin minkejja l-ħafna xogħol li kellhom bħal issa. Għaldaqstant talab li jekk ikun hemm qbil jagħddi biss l-affarjiet ta' materja urġenti ħalli kemm jista' jkun iżomm fil-qosor. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**3.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 2**

3.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**3.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 3**

3.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Frar 2022 u 22 ta' Marzu 2022 li kienet tammonta għall-€114,705.87.

**3.4 Awditjar AKL – Sena Finanzjarja 2021**

3.4.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena finanzjarja 2021. Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Farrugia, ir-rapport ġie approvat hekk kief emendat.

3.4.2 Il-President informa lill-Eżekuttiv li l-AKL irnexxila tikkonkludi l-awditjar u għaldaqstant huwa preżenta kopja tal-Management Letter kif ukoll risposta għal din l-ittra.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

3.4.3 Il-President irrimarkata li jinstab sodisfatt bir-riżultat miksub fl-amministrattiv tal-AKL wara li fil-Management Letter tqajmu biss żewġ punti mill-awditur wieħed rigward ir-regoli tal-IFRS16 fuq kerjiet ta' bini u vetturi li għandha l-AKL u punt ieħor fuq l-FAR ta' qabel is-sena 2018. Ta' dan il-President irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema tal-AKL li għamlu ħilithom biex il-proċess tal-awditjar isir b' mod effiċjenti kif ukoll ir-riżultat miksub fl-awditjar kien wieħed sodisfaċċenti.

## 3.5 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **3.5.1 COMPOSE PLUS** | Il-President semma li l-AKL kienet issieħbet fi proġett COMPOSE PLUS. Semma li kien hemm laqgħa mal-Lead partners fejn ġie diskuss l-organizazzjoni ta' żewġ Webinars kif ukoll konferenza f' Malta li ser issir lejn l-aħħar ta' Mejju. Semma wkoll li l-AKL ser tkun qed tibgħat l-MoU lir-Reġjuni sabiex il-Presidenti Reġjonali jarawx ikunux interessati li jidħlu firmatarji f' dan il-proġett. |
| **3.5.2 Social Impact Assessment** | Il-President semma li l-AKL ġiet notifikata li nhar 7 t' April, id-Diviżjoni ser tkun qed torganizza laqgħa għall-Presidenti Reġjonali u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni sabiex jibdew il-proċess ta' social impact assessment f' kull Reġjun. |
| **3.5.3 Direct Order – Gallarji tal-Binja AKL** | Il-President semma li l-AKL kienet talbet għall-approvazzjoni ta' Direct Order ta' kważi €10,000 lid-Direttur. Il-President semma li din id-Direct Order intalbet wara li kien diskuss li jkun aħjar jekk il-kuntrattur mibgħut mill-INDIS u li qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-faċċata jkompli għaddej b' dan il-proġetti. Dan anki minħabba sabiex ma jidħlux żewġ Periti fuq xulxin peress li dan il-kuntrattur kien qed jagħmel il-pilastri li fuqhom iridu jserħu l-gallariji.<br>Il-President semma li d-Direttur kien laqa' t-talba tal-AKL sabiex tipproċedi kif propost. Ressaq ukoll ghall-approvazzjoni l-ispiza relatata mal-kumplament tal-progett tal-gallariji, li giet approvata. |
| **3.5.4 Sejħa għall-AEDs** | Il-President semma li kienu daħħlu żewġ appelli. Semma li l-AKL dehret quddiem il-PCRB u talbet li terġa tevalwa s-sejħa b'espert fuq il-board tal-aġġudikazzjoni. Semma li |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

PCRB aċċettat it-talba tal-AKL u għaldaqstant l-offerti ser jerġgħu jkunu aġġudikati.

**3.5.5 Salarju Segreatrju Eżekuttic**

Il-President semma li wara li kien iffirmat il-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi, l-AKL kienet ser tħallas lis-Segretarju l-arretrati kif stipulati fil-ftehim kollettiv mas-salarju ta' Marzu 2022.

**3.5.6 Kuntratt tal-ICT**

Il-President semma li kien sar tiġdid tal-kuntratt mal-kuntrattur li jipprovdi servizz lill-AKL fuq l-ICT.

**3.5.7 Sistema ta' telefonija għall-Uffiċju tal-AKL**

Il-President semma li l-AKL kienet ġiet notifikata mill-kumpanija GO li dawn mhux ser jibqgħu jagħtu support għas-sistema ta' telefonija preżenti li għandha l-AKL. Dan peress li din ma tissapportjax is-sistema SIP. Il-President semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm upgrade fis-sistema ta' telefonija tal-Uffiċini. Wara li jsir dan l-upgrade ikun jista' jerġa' jiġi ffirmat ftehim ta' rati mal-GO. Semma wkoll li gie mgedded is-servizz offrut mill-kumpanija lill-Assocjazzjoni fuq telekomunikazzjoni.

**3.5.8 Ġbir ta' skart organiku**

Il-President irrefera għas-sejħa li kienet ħarġet l-AKL is-sena li għaddiet. Semma li l-kuntratti kienu ġew iffirmati kif ukoll saru diversi laqgħat fosthom mal-kuntratturi, mal-MTA, GRTU u entitajiet oħra li jistgħu jassistu biex dan il-proġett ikun ta' suċċess. Il-President semma li l-indikazzjoni hija li dan il-proġett jibda fit-22 t' April 2022.

**3.5.9 Merchant Account**

Il-President semma li ser ikun qed jinfetaħ merchant account sabiex jiġi amalgamat ma' kont tal-APS li fih ser ikunu qed jinġabru donazzjonijiet għall-familji Ukreni. Il-President semma li għaddejjin b' diskussjonijiet ma' Trust Payments.

**3.5.10 Fondi LESA 2019**

Il-President spjega kif il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan kien ingħata estensjoni sabiex jimplimenta l-proġett li l-Kunsill proponi sabiex jiġi ffinanzjat mill-LESA.
Il-President semma li il-proġett propost għadu jinstab f' fażi ta' eskavar u għaldaqstant il-ġnien gaħdu mhux finalizzat. Il-President semma li jekk l-Eżekuttiv ser jiddeċiedi li dawn il-fondi ma jagħtuhom lura lill-LESA, il-Kunsill ta' San Ġiljan mhux ser ikolli finanzjament biżejjed biex ikompli l-proġett. Dan anki minħabba dewmien li kien ikkaġunat minn

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

entitajiet oħra fejn damu ma ħarġu l-permessi meħtieġa. Għaldaqstant fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Anthony Chircop u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha twarrab dawn il-fondi u tagħddihom lill-Kunsill ta' San Ġiljan ladarba l-proġett ikun tlesta.

**3.5.11 Kollaborazzjoni mal-Jobsplus**

Il-President semma li bdew diversi laqgħat mal-Jobsplus sabiex wieħed ikun jista' jesplora kif jista' jkun hemm kollaborazzjoni aħjar bejn iż-żewġ entitajiet. Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li għandu jsir seminar ta' informazzjoni għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.

**3.5.12 ERASMUS+**

Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tagħmel talba lill-EUPA sabiex il-proġett li taħt Key Action 3 li għalih kienet applikat l-AKL jiġi tterminat dan minħabba kemm nuqqas ta' koperazzjoni mill-Membri Eletti sabiex dan jiġi mplimentat kif ukoll minħabba l-COVID-19 l-attivitajiet fiżiċi kollha proposti taħt il-proġett kellhom jitħasru.

**3.5.13 AIB Health Insurance Policy**

Il-President semma li għaddiet informazzjoni lill-AKL li xi ħaddiema/ Membri Eletti qed jirċievu mingħand il-kumpanija tal-Assigurazzjoni eskulużjonijet bħal ear infections u mard/infections minuri oħrajn. Il-President semma li kif dan inġib għall-attenzjoni tal-AKL, bdiet mill-ewwel komunikazzjoni mal-Brokers sabiex jinstab rimedju għax dan imur kontra l-ftehim kif ukoll is-sejħa pubblika li kienet inħarġet.

**3.5.14 Plenarja**

Il-President semma li d-data tal-Plenarja tiġi proposta fl-laqgħa oħra.

**3.5.15 MoU Kunsill Reġjonali ta' Tfal**

Il-President semma li wara li kienu mresqa l-emendi proposti mill-AKL, jidher li l-kontribut tal-AKL ser ikun ta' €10,000 flimkien ma' €10,000 li ser ikunu mħallsa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-President semma li minħabba sitwazzjoni fir-Reġjuni li qed jitolbu assikurazzjoni tal-fondi tal-Ufficcjali Manigerjali, huwa qal li ma jkunx jaghmel sens li jitwaqqaf ilpprocess biex tigi ffurmata l-fundazzjoni u ghaldqstant, l-ammont se tkun qed tohrogu l-Assocjazzjoni u wara kull regjun jiddeciedi hu jekk iridx ikun parti mill-inzijattiva billi jhallas il-parti tieghu ta' 2,000 ewro.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**3.6 Affarjiet oħra**

3.6.1 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li jinstab daqsxejn dispjaċut kif il-Presidenti Reġjonali ġew minsija totalment fl-istedina mill-Kurja għall-quddies ikkonċelerbrata mill-Papa li ser tkun qed tiġi ċċelebrata fuq il-Fosos nhar il-Ħadd 3 t' April 2022. Is-Sur Aquilina semma li filwaqt li s-Sindki ġew mistiedna, il-Presidenti Reġjonali ma ntbgħatitilhomx stedina. Il-President qal li meta l-Assocjazzjoni tablet lil Kurja biex tistieden lis-Sindki, saet referenza wkoll ghall-Presidenti Regjonali. Huwa qal li ser ikun qed jerga ikellem lill-kurja sabiex jassiguraw li jinkludu lill-Presidenti Reġjonali.

**3.7 Aġġornament**

3.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sitta u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 19 t' April 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.4 li nżammet nhar it-Tlieta, 19 t' April 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**